MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 326/2012

**Mary-Ann Caruana (I.D. 100677M)**

***kontra***

**Sanzeo Malta (P1336)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fid-29 ta` Marzu 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi l-esponenti u Marouane sive Marwen Ben Mustapha Allagui li huwa ta` nazzjonalita` Tunezina*

*ffurmaw is-socjeta` f`isem kollettiv (partnership en nom collectif) intimata nhar is-6 ta` Mejju 2011 (kopja tad-"Deed of Partnership" qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. A) ;*

*2. Illi s-socjeta` intimata twaqqfet ghall-iskop li tiggestixxi negozju ta` tindif ta` vetturi fi stabbiliment gewwa Valley Road, Msida bl-isem Sanzeo Malta*

*3. Illi fil-mument ta` formazzjoni tas-socjeta` intimata, l-imsemmi Marouane Allagui kien talab lill-esponenti sabiex il-facilitajiet bankarji tas-socjeta` intimata jigu assigurati minn assi appartjenenti esklussivament lill-esponenti u dana peress illi dak iz-zmien huwa kellu problema sabiex jittrasferixxi l-flus illi huwa kellu fil-bank Tunezin ;*

*4. Illi dak iz-zmien l-istess Allagui kien wera lill-esponenti dokument, li skond l-istess Allagui kien dokument bankarju li juri li huwa kellu l-fondi disponibbli sabiex f`qasir zmien huwa jittrasferixxi ammont bizzejjed sabiex jirrilaxxa l-assi appartjenenti lill-esponenti in garanzija tal-facilitajiet bankarji ;*

*5. Illi fid-dawl ta` din l-assigurazzjoni, l-esponenti accettat illi toffri, b`mod temporanju, l-assi taghha, ossija fixed account u kif ukoll stocks tal-gvern sabiex tiggarantixxi l-facilitajiet bankarji (loan u overdraft) moghtija mill-bank (vide dokumenti bankarji annessi u mmarkati bhala Dok. B) ;*

*6. Illi madankollu u sal-lum il-gurnata, minkejja diversi interpellazzjonijiet (vide ittri legali datati 24 ta` Awwissu 2011 u ittra ufficjali datata 15 ta` Settembru 2011, immarkati Dok. C u Dok. D rispettivament) l-istess Allagui baqa` inadempjenti u jitlob iktar zmien sabiex ikun jista` jgib dawn il-flus li qed jghid li ghandu fit-Tunezija ;*

*7. Illi di piu` ftit wara l-incezzjoni taghha, l-esponenti giet maqtugha kompletament mill-gestjoni tas-socjeta` intimata u Allagui baqa` jirrifjuta illi jaghti rendikont tal-affarijiet tal-kumpannija lill-istess intimata, u dana minkejja d-diversi interpellazzjonijiet anke bil-miktub (vide inter alia ittra legali datata 17 ta` Jannar 2012 annessa u mmarkata Dok. E) ;*

*8. Illi kull meta gie nterpellat mill-esponenti sabiex jaghti rendikont tal-affarijiet tal-kumpannija u dana sabiex f`kaz illi hemm xi profitti, l-esponenti tkun tista` tippartecipa fihom, is-Sur Allagui dejjem qal illi l-affarijiet sejrin hazin hafna u ma hemmx profitti x`jitqassmu ;*

*9. Illi minkejja li, skond l-istess Allagui, is-sitwazzjoni tas-socjeta` m`hija sabiha xejn huwa ostinament qieghed ikompli jghabbi s-socjeta` b`oneri finanzjarji li ma tiflahx ghalihom ;*

*10. Illi jirrizulta wkoll, illi ghal xi zmien, is-Sur Allagui kien qieghed johrog cekkijiet tas-socjeta` ffirmati minnu wahdu u dana minkejja li skond l-instructions moghtija l-bank, kwalsiasi cekk tal-kumpannija jrid johrog bil-firma taz-zewg socji ;*

*11. Illi wara li l-esponenti gibdet l-attenzjoni tal-bank f`dan is-sens (vide ittra datata 6 ta` Settembru 2011 annessa u mmarkata Dok. F), is-Sur Allagui ma baqax juza cekkijiet tas-socjeta` intimata, izda baqa` jinnegozja f`isem is-socjeta` intimata billi juza l-kontijiet personali tieghu jew jinnegozja on a cash basis ;*

*12. Illi dan ikompli jrendi s-sitwazzjoni tas-socjeta` intimata iktar prekarja u dan ghaliex ma hemm l-ebda tip ta` kontroll fuq il-hrug u d-dhul tal-istess socjeta` ;*

*13. Illi di piu` u kif ser jigi ampjament dimostrat waqt is-smigh tal-prezenti rikors, is-Sur Allagui, bl-agir tieghu qieghed jesponi lill-esponenti ghal responsabbilitajiet legali meta hija ma tatx il-kunsens taghha ghal dan anzi talbiet lill-istess Allagui sabiex jiddezisti milli jippersisti bl-agir tieghu ;*

*14. Illi minhabba n-natura tas-socjeta` intimata, u cioe` socjeta` f`isem kollettiv, dawn l-oneri u responsabbiltajiet ma jolqtux limitament l-istess socjeta` izda jolqtu wkoll lill-esponenti ;*

*15. Illi di fatti, u a differenza ta` l-opzjonijiet disponibbli lil diretturi / azzjonisti ta` socjetajiet b`responsabbilta` limitata (kumpanniji), l-esponenti (qua socju f`socjeta` f`isem kollettiv) m`ghandha l-ebda triq ohra milli tipprotegi l-interessi taghha ghajr illi titlob l-istralc tas-socjeta` intimata ;*

*16. Illi fil-fehma tal-esponenti ma ghandux ikun hemm dubbju illi jissussistu ragunijiet gravi bizzejjed biex dina l-Onorabbli Qorti tordna l-istralc tas-socjeta` intimata ;*

*17. Illi permezz ta` ittra ufficjali datata 14 ta` Marzu 2012 (kopja annessa u mmarkata Dok. G), l-esponenti nterpellat lis-Sur Allagui sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni volontarja u sabiex jaqbel fuq appuntament ta` stralcjarju ghal dan il-ghan, izda baqa` inadempjenti u rrifjuta ;*

*18. Illi ghalhekk kien necessarju dan ir-rikors lil dina l-Onorabbli Qorti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u provvediment iehor li jidhrilha necessarju :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi jissussistu ragunijiet gravi bizzejjed skond il-ligi ghax-xoljiment tas-socjeta` intimata ;*

*2. Tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralc tas-socjeta` intimata ;*

*3. Tahtar stralcjarju ghal dan il-ghan u taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni f`dan ir-rigward.*

*Bl-ispejjez, u b`riserva ghal kwalsiasi dritt iehor spettanti lill-mittenti fil-konfront tas-socjeta` intimata u fil-konfront ta` Marouane Allagui.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta tal-intimat prezentata fl-<u>14 ta` Gunju 2012</u> li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok ma jezistux ragunijiet gravi bizzejjed skond il-Ligi sabiex tintlaqa` t-talba ghax-xoljiment tas-socjeta` intimate u dank if ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza principalment minhabba l-fatt li s-socjeta` intimata ghadha qieghda tinnegozja ;*

*2. Illi fit-tieni lok l-esponenti qieghed joggezzjona ghax-xoljiment u l-konsegwenza stralc tas-socjeta` intimata ;*

*3. Illi fit-tielet lok it-talba ghall-hatra ta` stralcjarju ghandha tigi michuda anke minhabba l-fatt li l-kotba u l-karti kollha tal-kummerc ma gewx esebiti u ghalhekk ma hemm ebda prova dwar l-allegazzjoni li l-esponenti waqaf li jhallas id-djun.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimat.

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Dr. Claudette Fenech, ta` Brenda Vella, ta` Anatole Baldacchino u tar-rikorrenti fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2012 u rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-udjenza.

Illi fl-istess udjenza, id-difensur ta` Marouane sive Marwen Ben Mustapha Allagui, fil-prezenza tal-istess Allagui, ghamel din id-dikjarazzjoni –

*Dr. Fenech on behalf of his client Marwen Ben Mustapha Allagui declares in the presence of his client that there is no objection that the partnership be dissolved, and then put into liquidation, through the appointment of a liquidator, there being sufficient grave reasons for the dissolution to take place. This is being stated despite what was stated by Sanzeo Malta and Allagui himself in his reply dated 14th June 2012 to the application of Mary-Ann Caruana.*

Illi l-partijiet ghalqu l-istadju ta` l-provi taghhom fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

## II. **<u>Provi</u>**

Fis-6 ta` Mejju 2011, kienet registrata, skond id-disposizzjonijiet tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, socjeta` f`isem kollettiv (*partnership en nom collectif*) Nru.P1336 bl-isem "Sanzeo Malta" ("is-socjeta`). L-indirizz registrat tas-socjeta` huwa 142 Flat 1, Triq Rodolfu, Sliema (fol 8).

Skond il-ftehim li bih kienet kostitwita s-socjeta` (ara Dok CF1 u CF2 esebiti minn rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji) diversi kienu l-ghanijiet tan-negozju prepost pero` dak ewlieni kellu jkun *to carry out professional car washing on all kinds of vehicles by the use of specialized treatments offering optimium services to clients with respect to the environment.* Il-post tan-negozju kellu jkun sitwat go Valley Road, Msida.

Is-socji (*partners*) kienu Marouane sive` Marwen Allagui Ben Mustapha ("Allagui") u r-rikorrenti b`sehem indaqs. It-tnejn flimkien kellhom is-setgha li jorbtu l-*partnership* fil-konfront ta` terzi, u t-tnejn flimkien kellhom ir-rapprezentanza gudizzjarja.

Sabiex tmexxi n-negozju, is-socjeta` kisbet minghand l-Bank of Valletta plc *loan* ta` €15,000 u *overdraft* ta` €5,000 (ara s-*sanction setter* bid-data tad-9 ta` Mejju 2011 a fol 13). Bhala garanzija favur il-bank, ir-rikorrenti *de proprio* pprovdiet *pledge* fuq kont li kellha mal-HSBC Bank Malta plc u *pledge* fuq zewg blokki ta` Malta Government Stock.

Ir-**<u>rikorrenti</u>** kkonfermat bil-gurament taghha l-kontenut tar-rikors.

Ir-**<u>rikorrenti</u>** tghid fir-rikors illi hija accettat li taghti hi l-garanzija ghaliex fiz-zmien meta kienet iffurmata s-

socjeta`, Allagui kellu problema sabiex jittrasferixxi l-flus illi kellu go bank fit-Tunezija. Allagui kien urieha dokument, li skond hu kien mahrug mill-bank Tunezin, li juri li kellu bizzejjed fondi biex jibghat minnhom Malta halli iservu bhala garanzija lill-bank Malti in sostituzzjoni tal-garanzija taghha. Minkejja l-impenn tieghu, Allagui baqa` ma gab xejn mit-Tunezija ghalkemm kien interpellat anke bil-miktub biex jaghmel hekk (fol 18 et seq).

Skond id-dokument ETC1 prezentat minn **Brenda Vella** mill-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig, jirrizulta li bejn it-30 ta` Mejju 2011 u d-29 ta` Ottubru 2012, is-socjeta` kellha hames impjegati. Minnhom sad-29 ta` Ottubru 2012, kien fadal jahdmu tnejn biss : Allagui li huwa kwalifikat bhala *casual* u huwa *director,* u Stephen Cremona li huwa kwalifikat bhala *casual* u huwa impjegat bhala *car cleaner.*

**Anatole Baldacchino** xehed li sat-8 ta` Mejju 2012 kien l-*accountant* tas-socjeta` - sat-8 ta` Mejju 2012 ghaliex dakinhar Allagui talbu jaghtih lura l-file. Kien l-*accountant* tas-socjeta` mill-bidu. Xehed illi l-azjenda ma kenitx sejra tajjeb. Fl-ewwel xaghrejn ta` hidma, is-socji hadmu b`energija anke ghaliex it-tip ta` prodott li kellhom kien gdid fis-suq. Mat-tielet xahar pero` bdew il-problemi. Kif xehed hu testwalment kien hemm *lack of direction, lack of experience, lack of finance*. Kompla jixhed illi *bhala VAT konna ssubmitjajna sa August 2011, kienet giet submitted ; wara August jigifieri September 11th sa Marzu kienu nghataw il-VAT returns lilna tard kienu round xi April, 2012, imbaghad wara f' 8th of May jigifieri qisu ten days twelve days after ngabar il-file jigifieri ma konniex ghalaqna l-ahhar zewg returns tal-VAT, ir-raguni kienet ghax ingibed il-file u ma stajniex nghalqu. Imma that as regard VAT li kont naf fuq il-VAT wkoll li kellha tidhol kien hemm xi refund xi VAT refund, kien hemm VAT refund ta' xi 2,000 li kienet fuq kera, il-kera tal-premises li din kienet ammont sostanzjali biex tittiehed lura mill-partnership bhala refund.*

**Baldacchino** kompla jixhed illi l-*financial year* tas-socjeta` kienet taghlaq fl-ahhar ta` Dicembru. L-*accounts* tal-2011 ma sarux. Sar is-self mill-BOV ta` €15,000 sabiex biha tithallas kera ta` sena bil-quddiem tal-*premises*. Kien hemm ukoll *overdraft* ta` €5000. Fil-bidu kienu joperaw *cash basis*. Pero` ftit kien in-negozju generat. Il-problemi bejn is-socji bdew hekk kif Allagui ma tax il-garanzija li kien impenja ruhu mar-rikorrenti illi jipprovdi sabiex ir-rikorrenti tkun tista` tnehhi l-*pledge* li hi kienet tat lill-bank. Skond taghrif moghti lilu, kellu jkun missier Allagui li kellu jiffinanzja r-*replacement* tas-*security*. Missier Allagui kien Malta f`Dicembru 2011 izda baqa` ma sar xejn min-naha tieghu billi kien infurmat li kellu flus li kien maqbuda fit-Tunezija. Ix-xhud kompla jfisser illi kien hemm ukoll dizgwid bejn is-socji ghaliex Allagui, li kien il-*managing partner*, ried illi kollox isir kif ighid hu.

## III. Dritt

Bl-istanza tal-lum, ir-rikorrenti qeghda titlob ix-xoljiment u l-istralc tas-socjeta`.

Ix-xoljiment ta` socjeta` f`isem kollettiv huwa regolat bl-**Art.35 tal-Kap.386** li jaqra hekk –

*Ikun hemm xoljiment ta’ socjetà f’isem kollettiv –*

*(a) meta z-zmien stabbilit, jekk il-kaz, ghad-dewmien taghha jiskadi ;*
*(b) jekk, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 21, is-socji kollha hekk jiftiehmu ;*

*(c) jekk is-socjetà tkun dikjarata falluta ;*

***(d) jekk fil-fehma tal-Qorti jkun hemm ragunijiet gravi li jiggustifikaw ix-xoljiment*** *;* (enfasi ta` din il-qorti)

*(e) jekk in-numru ta' socji jigi ridott ghal anqas minn tnejn u jibqa' hekk ridott ghal izjed minn sitt xhur ;*

*(f) bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21, f'dawk il-kazijiet l-ohra li dwarhom ikun provdut fl-att tas-socjetà.*

**Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti qeghda tibbaza ruhha fuq il-paragrafu (d) tal-Art.35** (ara l-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Mejju 2012 a fol 33 tal-process).

## IV. Risultanzi

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tosserva **bhala fatt** illi fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2012, **wara** li ddepona l-*accountant* Anatole Baldacchino, l-intimat Allagui biddel id-difiza tieghu minn wahda ta` rigett tat-talbiet tar-rikorrenti ghal wahda dijametrikament opposta ta` adezjoni ghall-istess talbiet.

**Din il-Qorti trid ta` bilfors taghti konsiderazzjoni ta` din il-bidla fl-imgieba ta` Allagui.**

Din il-Qorti tqis bhala attendibbli dak kollu li nghad mix-xhud Baldacchino ghaliex fid-deposizzjoni tieghu jaghti radjografija **preciza u oggettiva** tas-socjeta`, ta` dak li wassal biex tkun kostitwita, ta` l-problemi inerenti ghall-operat taghha, tal-impenji li ma twettqux, u tan-nuqqasijiet li wasslu biex il-progett jirrizulta f`insuccess komplet.

Jirrizulta li d-digwid bejn is-socji twieled mhux biss ghaliex ma kienux rispettati l-pattijiet ta` bejniethom izda kompla ghaliex it-tmexxija tas-socjeta` kienet dettata minn sfiducja reciproka. U fil-qasam socjetarju, fejn issehh id-

diskordja, u l-isfiducja, il-konsegwenza li ssegwi tkun id-disfatta. U hekk gara fil-kaz tal-lum.

**Ghal din il-Qorti, huwa evidenti illi l-progett ta` din is-socjeta` falla.**

Biex falla kien hemm konkors ta` htijiet. Il-htija principali kienet ta` Allagui ghaliex ma sarrafx il-propositi tieghu b`impenn ta` shubija vera kemm ghal dik li hija tmexxija izda ukoll u fuq kollox ghal dak li huwa impenn finanzjarju. Din il-Qorti pero` trid tghid ukoll li anke r-rikorrenti ghandha n-nuqqasijiet taghha. Fil-qasam tal-kummerc, ma hemmx lok ghall-kompjacenza : taghti garanziji jekk is-sieheb tieghek jaghti affidament ; in-negozju ma jsirx bl-amment.

**Tibqa` perplessa din il-Qorti kif Allagui jaghzel li ma jiddeponix fil-kawza.** Allagui jiehu linja ta` opposizzjoni fil-bidu tal-kawza, u waqt l-*iter*, jaqleb kollox ta` taht fuq, u jaderixxi ghat-talbiet tar-rikorrenti : imgieba sorprendenti *a dire il meno* !

Din il-Qorti trid tghid illi l-ligi taghna ma taghtix tifsira tar-*ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment* tas-socjeta` ghaliex thalli fid-diskrezzjoni wiesa` tal-gudikant il-qies illi jizen il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz u fuq li jirrizulta jipprovdi konformement.

**Wara li qieset l-assjem tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni illi din is-socjeta` ghandha tigi xjolta fl-ahjar interess tas-socji. Huwa tassew minnu li r-rimedju tax-xoljiment huwa mizura drastika, fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax tippermetti illi jirrenja t-tahwid fis-suq tal-kummerc hieles, fejn diversi - xi drabi kontrastanti - ikunu l-interessi, izda fejn pero` l-*bona fides* u t-trasparenza fl-imgieba ghandhom ikunu**

***la pietra miliare*** **tal-i*stakeholders* kollha. Din il-Qorti ma tistax tippermetti li minhabba d-disgwid tas-socji jbatu terzi unikament ghaliex is-socji ma jkunux kapaci isibu tarf tar-ragunijiet ghala waqqfu socjeta`.**

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li s-socjeta` ma tistax timxi `l quddiem ghaliex ir-*raison d`etre* taghha falla ghal kollox, hemm *deadlock* bejn is-socji, hemm impossibilita` fit-tmexxija tas-socjeta` bhala azjenda kummercjali u cioe` azjenda li twaqqfet biex taghmel profitt, hemm sfiducja shiha fit-tmexxija ta` Allagui u fl-istess waqt inerzja da parti tar-rikorrenti ghaliex hija karenti fl-esperjenza tan-negozju.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti sejra tipprovdi kif gej dwar it-talbiet, wara li qieset l-eccezzjonijiet –**

**1. Riferibbilment ghall-ewwel talba, qeghda tiddikjara li hemm ragunijiet gravi bizzejjed sabiex tiddikjara x-xoljiment tas-socjeta` Sanzeo Malta (P1336) a tenur tal-Art.35(d) tal-Kap.386 ;**

**2. Riferibbilment ghat-tieni talba, qeghda tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` Sanzeo Malta (P1336) b`effett mil-lum.**

**3. Riferibbilment ghat-tielet talba, tahtar lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala stralcjarju bis-setghat, dmirijiet u obbligi - kollox inkluz u xejn eskluz - previsti mid-disposizzjonijiet tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**4. Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment – kollox inkluz u xejn eskluz – ikunu a kariku ta` l-partijiet *in solidum* bejniethom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------